



Brussell, 20 ta' Marzu 2025
(OR. en)

7219/25

DRS 15
ECOFIN 298
EF 68

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Kummissjoni Ewropea
data meta waslet:	18 ta' Marzu 2025
lil:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
Nru dok. Cion:	D105674/01
Suġġett:	REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta'XXX li jemenda r-Regolament (UE) 2023/1803 rigward l-Istandards Internazzjonali ta' Rapportar Finanzjarju 1, 7, 9 u 10, u l-Istandard Internazzjonali tal-Kontabbiltà 7

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument D105674/01.

Mehmuż: D105674/01



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, **XXX**
[...] (2025) **XXX** draft

D105674/01

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta' **XXX**

li jemenda r-Regolament (UE) 2023/1803 rigward l-Istandards Internazzjonali ta' Rapportar Finanzjarju 1, 7, 9 u 10, u l-Istandard Internazzjonali tal-Kontabbiltà 7

(Test b' rilevanza għaż-ŻEE)

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'XXX

li jemenda r-Regolament (UE) 2023/1803 rigward l-Istandards Internazzjonali ta' Rapportar Finanzjarju 1, 7, 9 u 10, u l-Istandard Internazzjonali tal-Kontabbiltà 7

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Lulju 2002 rigward l-applikazzjoni ta' standards internazzjonali tal-kontabbiltà¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 3(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/1803², ġew adottati ċerti standards internazzjonali tal-kontabbiltà u interpretazzjonijiet li kienu jeżistu fit-8 ta' Settembru 2022.
- (2) Fit-18 ta' Lulju 2024, il-Bord tal-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà ("IASB", International Accounting Standards Board) ħareġ *Titjib Annwali għall-Istandards tal-Kontabbiltà – Volum 11* fil-qafas tal-proċess ta' titjib regolari tiegħu. It-titjib annwali għandu l-għan li jissimplifika u jiċċara l-istandards eżistenti. L-objettiv tat-titjib annwali huwa li jiġu indirizzati kwistjonijiet mhux urġenti, iżda neċessarji, diskussi mill-IASB waqt iċ-ċiklu tal-proġett rigward oqsma ta' inkonsistenza fl-Istandards tal-Kontabbiltà tal-IFRS jew fejn tkun meħtieġa kjarifika tat-test.
- (3) It-titjib annwali fih emendi żgħar tal-Istandard Internazzjonali tar-Rapportar Finanzjarju ("IFRS", International Financial Reporting Standard) 1 *Adozzjoni għall-ewwel Darba tal-Istandards Internazzjonali tar-Rapportar Finanzjarju*, L-IFRS 7 *Strumenti Finanzjarji: Divulgazzjonijiet*, l-IFRS 9 *Strumenti Finanzjarji* u l-IFRS 10 *Rapporti Finanzjarji Konsolidati* u l-Istandard Internazzjonali tal-Kontabbiltà ("IAS") 7 *Rapport tal-Flussi ta' Flus*.
- (4) Wara l-konsultazzjoni mal-Grupp Konsultattiv Ewropew għar-Rapportar Finanzjarju, l-EFRAG, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-emendi fl-IFRS 1, l-IFRS 7, l-IFRS 9, l-IFRS 10 u l-IAS 7 jissodisfaw il-kundizzjonijiet għall-adozzjoni stipulati fl-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KE) Nru 1606/2002.
- (5) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2023/1803 jiġi emendat skont dan.
- (6) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Regulatorju dwar il-Kontabbiltà,

¹ ĠU L 243, 11.9.2002, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2002/1606/oj>.

² Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/1803 tat-13 ta' Settembru 2023 li jadotta ċerti standards internazzjonali tal-kontabbiltà f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 237, 26.9.2023, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2023/1803/oj>).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fl-Anness tar-Regolament (UE) 2023/1803, dan li ġej huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament:

- (a) L-Istandard Internazzjonali tar-Rapportar Finanzjarju (“IFRS”) 1 Adozzjoni għall-Ewwel Darba tal-Istandards Internazzjonali tar-Rapportar Finanzjarju;
- (b) L-IFRS 7 Strumenti Finanzjarji: Divulgazzjonijiet;
- (c) L-IFRS 9 Strumenti Finanzjarji;
- (d) L-IFRS 10 Rapportar Finanzjarji Konsolidati;
- (e) L-Istandard Internazzjonali tal-Kontabbiltà (“IAS”) 7 *Rapport tal-Flussi ta' Flus*.

Artikolu 2

Kull kumpanija għandha tapplika l-emendi msemmija fl-Artikolu 1, mhux aktar tard mid-data tal-bidu tal-ewwel sena finanzjarja tagħha li tibda fl-1 ta' Jannar 2026 jew wara.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha. Magħmul fi Brussell,

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula von der Leyen